**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 147/17 CSH**

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Michael Chetcuti**

**Illum 15 ta' Mejju, 2018.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar l-1 ta' Gunju 2017 fejn l-istess socjeta' rikorrenti ppremettiet is-segwenti:-

1. Illi r-rikors odjern qed jigi pprezentat mill-esponenti ai termini tal-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

2. Illi permezz tal-ittra ufficjali odjerna, mahruga taht l-artikolu 166A, il-mittenti talab il-hlas ta' kreditu li fil-fehma tieghu kien cert, likwidu u dovut.

3. Illi l-istess ittra ufficjali qatt ma giet notifikata lill-esponenti u l-esponenti sar jaf bl-istess ittra meta huwa gie a konjzzjoni tal-proceduri ghas-subbasta bin-numru 55/2015 JPG u cioe' dana wara li l-ittra ufficjali de quo giet reza ezekuttiva.

4. Illi l-ittra ufficcjali de quo thalliet ma' terza persuna, senjatament ma' certu Peter Sultana bil-karta ta' identita numru 792444(M).

5. Illi peress li mir-riferta relattiva gie indikat li l-esponenti kien gie notifikat, il-mittenti ghadda sabiex irendi l-istess ittra f'titolu ezekuttiv skond il-ligi, u dana peress illi galadarba l-esponenti ma kienx jaf bl-istess ittra ufficjali, huwa naqas milli jipprezenta nota sabiex jopponi ghall-istess talba entro t-terminu stabbilit mill-ligi.

6. Illi minkejja li l-imsemmija riferta tindika *prima facie*, illi l-esponenti gie notifikat bl-att gudizzjarju n kwistjoni, fil-verita' kien biss meta ha konjizzjoni tal-proceduri tas-subbasta li huwa sar jaf bl-ittra odjerna.

7. Illi mill-istess riferta jidher b'mod car ghall-ahhar illi l-att gudizzjajru ma thalliex f'idejn l-esponenti izda thalla f'idejn certu Peter Sultana li l-esponenti ma jafx min hu, u li lanqas jahdem mieghu u lanqas ma joqghod fl-istess indirizz tieghu.

8. Illi jekk wiehed jifli l-ligi li tirregola n-notifika tal-atti gudizzjarji cioe' l-artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta jidher car li huwa bizzejjed illi l-kopja tal-att tithalla fil-lok li wiehed joqghod, pero' madanakollu jrid jithalla f'idejn membru tal-familja tad-dar, jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

9. Illi l-persuna ma' min thalliet in-notifika tal-att gudizzjarju n kwistjoni ma tikkwalifikax bhala membru tal-familja, xi persuna fis-servizz, prokuratur tar-rikorrent jew persuna awtorizzata mir-rikorrenti biex tircievi l-posta tieghu.

10. Illi allura, fil-kaz odjern jirrizulta bic-car illi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti stabbiliti mill-ligi u dan peress li ma jirrizultax illi l-persuna li allegatament

irceviet l-att ghan-nom tal-esponenti kienet qatt awtorizzata mill-esponenti sabiex ticievi l-posta tieghu.

11. Illi ghalhekk il-fatt wahdu illi din l-imsemmija terza persuna rceviet xi att gudizzarju f'isem ir-rikorrent qatt ma jista' jikkostitwixxi notifika valida fil-konfront tal-istess rikorrent stante li r-rikorrent qatt ma kien awtorizza lill-istess terza persuna sabiex tircievi l-att f'ismu.

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha salv kull provvediment iehor li ghaliha jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja:-

1. Tiddikjara illi l-esponenti ma kienx jaf bl-ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma kienx notifikat kif imiss.
2. Tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub mill-mittenti permezz tal-ittra ufficjali mahruga u reza ezekuttiva taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u
3. Tordna t-twaqqif tal-bejgh in subbasta bin-numru 55/15.

Rat id-dokument anness mar-rikors promotur esebit fl-atti a fol. 3 u cioe' fotokopja tal-ittra ufficjali numru 77/14 prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Mejju, 2014. Minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-intimat gie notifikat personalment nhar il-5 ta' Settembru, 2014 kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Flavio Ghigo a fol. 3 tergo tal-process.

Rat in-nota tal-intimat prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Novembru, 2017 (fol. 12) li permezz taghha pprezenta kopja legali tal-process numru Rikors 517/16 fl-ismijiet **Miller Distributors Limited ( C344) vs Michael Chetcuti** deciz fit-18 ta' Jannar 2017.

Rat in-nota tal-intimat prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' April, 2018 li permezz taghha ppezenta kopja tal-eccezzjonijiet prezentati minnu n segwitu tad-digriet moghti minn din l-istess Onorabbli Qorti tad-9 ta' April, 2018 liema nota giet prezentata bil-visto tal-avukat difensur tal-kontro parti.

Rat illi fir-risposta tieghu l-intimat ecepixxa s-segwenti:-

1. "*Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-elementi rikjesti mill-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 u cioe' l-artikolu li abbazi tieghu r-rikorrenti intavola r-rikors ma jissustix u dan kif ser jintwera hawn taht.*

2. *Illi fis-sitta (6) ta' Mejju, 2014 is-socjeta' Miller Distributors Limited intavolat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 77/2014, liema ittra giet redatta skond il-ligi. Permezz ta' din l-ittra s-socjeta' eccipjenti akkwistat titolu ezekuttiv nhar il-hamsa (5) ta' Novembru, 2014 fil-konfront tar-rikorrent, fl-ammont ta' dsatax-il elf u erbgha mija u hamsin ewro u tmien centezmi (€19,450.08), rapprezentanti bejgh ta' merkanzija kkonsenjata lir-rikorrent fuq inkarigu tieghu stess bl-imghaxx dekorribli mis-sitta (6) ta' Mejju 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

3. *Illi sussegwentement u abbazi tat-titolu ezekuttiv ottjenut fl-10 ta' Novembru, 2014 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, gie intavolat mandat ta' sekwestru mis-socjeta' eccipjenti bin-numru 1781/2014 fl-ismijiet **Miller Distributors Ltd vs Michael Chetcuti pro et noe,** kopja annessa u mmarkata bhala Dok MC1.*

4. *Illi gie intavolat ukoll mandat ta' Qbid kif ukoll subbasta bin-numru 55/2015 JPG fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, mis-socjeta' eccipjenti fl-*

*ismijiet* ***Miller Distributors Ltd vs Michael Chetcuti pro et noe,*** *kopja annessa u mmarkata bhala Dok MC2.*

5. *Illi fir-rikors tieghu r-rikorrenti jghid illi: "l-ittra ufficjali qatt ma giet notifikata lill-esponenti u l-esponenti sar jaf bl-istess ittra meta huwa gie a konjizzjoni tal-proceduri ghas-subbasta bin-numru 55/2015JPG u cioe' dan wara li l-ittra ufficjali de quo giet reza ezekuttiva."*

6. *Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien gie a konjizzjoni tal-proceduri ghas-subbasta bin-numru 55/2015 JPG fil-11 ta' April, 2016, kif jidher mir-riferta hawn annessa u mmarkata bhala Dok MC3, u kif gie ukoll debitament ikkonfermat waqt ix-xhieda tar-rikorrenti tat-12 ta' Ottubru 2016, fejn waqt il-proceduri fl-ismijiet premessi bin-numru 517/2016 li l-istess intavola sabiex jissospendi s-subbasta surreferta, johrog car illi kien gie notifikat fil-11 ta' April, 2016 bl-atti tas-subbasta.*

7. *Illi l-artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 jistipula illi t-titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A jista' jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett jekk issir talba mid-debitu, permezz ta' rikors fi zmien ghoxrin ( 20) gurnata mill-ewwel notifika li ssir lill-istess debitur ta' xi mandat ezekuttiv jew att gudizzjajru iehor msejjes fuq dak it-titolu.*

8. *Illi t-terminu ta' ghoxrin (20) jum li fih tista' tittiehed azzjoni abbazi ta' l-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 huwa wiehed perentorju.*

9. *Illi stante li r-rikorrenti gie a konjizzjoni tas-subbasta bbazata fuq it-titolu ottenut permezz ta' l-ittra ufficcjali 166A fil-11 ta' April 2016, ir-rikorrent kellhu l-possibilita' li jiehu azzjoni ai termni tal-artikolu 166A (5) jekk kemm il-darba ried li l-istess titolu ezekuttiv ottenut kontrih permezz ta'*

*ittra ufficjali jigi rexiss fi zmien ghoxrn (20) jum minn din in-notifika u cioe' sat-30 ta' April, 2016.*

10. *Illi ghalhekk ir-rikors tar-rikorrenti huwa fuori termine ghaliex ghaddew ben oltre l-ghoxrin jum stipulati mill-ligi sabiex tigi ntavolata azzjoni bhal dik odjerna skond l-artikolu 166A (5).*

11. *Illi l-qrati taghna jaghmluha cara li gjaladarba t-terminu perentorju ta' ghoxrin jum jiddekorri minghajr ma tkun ittiehdet l-ebda azzjoni, il-validata ma tistax imbaghad aktar tard tigi attakkata. Dan qalitu din l-istess Qorti diversament preseduta f'diversi kazijiet, senjatament* ***<u>f'Vodafone Malta Limted vs Nathan Darmanin</u>*** *fejn l-Qorti qalet:- Ghalhekk hija tal-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li gjaladarba jghaddi dan it-terminu perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata minn l-ewwel notifika li ssir lid-debitur ta' xi mandat jew ta' xi att gudizzjajru imsejjes fuq dak it-titolu, l-istess debitur ma jkunx juzufruwixxi minn dan l-artikolu tal-ligi sabiex jattakka l-validita' ta' dak it-titolu ezekuttiv.*

12. *Illi ghalhekk dan huwa biss tentattiv fieragh u vessatorju sabiex id-debitur jevita li jhallas dak dovut lill-kumpanja attrici.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess is-socjeta' esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikors odjern, bl-ispejjez kontra l-stess rikorrenti. Bl-ispejjez.*

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw dan ir-rikors fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Rat il-pink card (numru 3669) li kien hemm dwar l-allegat notifika pozittiva tal-intimat u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li din l-ittra ufficjali verament thalliet ma'

persuna bl-isem ta’ Peter Sultana kif iddikjarat l-ufficjal tal-pustier Raissa u li tali ittra giet imhollija f’idejn din il-persuna nhar il-5 ta’ Settembru 2014.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan ir-rikors ir-rikorrenti Chetcuti qed issotni li l-ittra ufficjali li giet prezentata mis-socjeta’ rikorrenti numru 77/14, qatt ma giet notifikata lilu u sar jaf biha biss una volta l-istess socjeta’ intimata pprocediet bil-proceduri tas-subbasta numru 55/2015JPG u dan wara li l-istess ittra ufficjali kienet giet reza ezekuttiva. Jinghad li una volta r-rikorrenti jghid li huwa ma kienx gie notifikat bl-ittra ufficjali, naturalment ma kienx ipprezenta n-nota ta’ kontestazzjoni tieghu fl-atti ta’ dik l-ittra ufficjali kif rikjest mill-ligi u dan fi zmien ghoxrin jum mid-data tan-notifika. Ir-rikorrenti jghid li l-att promotur konsistenti fl-ittra ufficjali thalla ma’ certu Peter Sultana li hu ma jafx min hu, minkejja li l-ligi tesigi li l-att jista’ jithalla ma’ membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur tieghu jew ma’ persuna awtorizzata minnha. Peress li l-Att ma thallhiex ma’ persuna hekk identikata mill-ligi stess, huwa jikkontendi li n-notifika ta’ l-ittra ufficjali numru 77/2014, ma hiex valida. U ghalhekk qed jitlob li dan id-dokument jig rexiss.

Illi minn ezami tal-fotokopja tal-ittra ufficjali li saret ai termini tal-artikolu 166A, esebita fl-atti a fol 3 jirrizulta li in effett ir-rikorrenti kien gie notifikat b’dan l-att nhar il-5 ta’ Settembru, 2014, u dan kif gie certifikat mill-purtier Flavio Ghigo minkejja li d-destinarju kien Peter Sultana u kien ghalhekk li tali ittra ufficjali numru 77/2014 giet reza ezekuttiva kif hemm indikat a fol 3 tal-process.

Illi fil-mori ta’ dan ir-rikors hadd mill-partijiet ma xehed u l-partijiet strahu biss fuq il-provi dokumentarji esebiti fl-atti. Jirrizulta li r-rikorrenti pprezenta nota fl-atti ta’ dan ir-rikors nhar il-21 ta’ Novembru 2017, konsistenti f’kopja tal-proceduri tas-subbasta li kienu qed jinstemghu quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Ir-rikorrenti kien xehed nhar it-12 ta' Dicembru, 2016 fl-atti tar-rikors li kien qed jinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tas-Subbasta fl-ismijiet **Miller Distributors Ltd vs Michael Chetcuti pro et noe**. Mistoqsi jekk kienx jaf bl-ittra ufficjali esebita f'dawk l-atti a fol. 8 jghid li ma kienx jaf biha. Mistoqsi jekk jafx minn hu Peter Sultana li skond il-*pink card* hija l-persuna li rceviha, jghid li ma jafhiex. Mistoqsi jekk giex notifikat bil-Mandat ta' Qbid qabel ma saru l- proceduri tas-Subbasta jghid li iva pero' ma ftakarx meta. Jirrizulta li kien gie notifikat bir-rikors tas-subbasta fil-11 ta' April 2016 pero' huwa ghamel ir-rikors biex jissospendi l-proceduri tas-subbasta nhar is-27 ta' Gunju 2016.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:-

*L-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur* ***fiz-zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu***[1]*, il-Qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1),(2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigi appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn.*

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa car li l-azzjoni li d-debitur jista' jiehu biex jitlob in-nullità ta' titolu ezekuttiv ottjenut kontra tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi stitwita fi

[1] Enfasi tal-Qorti

zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor bbazat fuq dak it-titolu.

Bhala principju, gie ribadit fil-kawza "**Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd"** (Appell Inferjuri,12 ta' Frar 2010) li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu njorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

Kif imbaghad intqal fis-sentenza "**Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority**", (Appell mill-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007), "*In-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti nteressata. Dan ghal mottiv illi dik l-improrogabbilita' hi hekk necessarja ghal-raguni ta' certezza w ukoll, ta' uniformita*".

"Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mill-ligi previsti. Ad ezempju, fejn il-gurnata tal-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal mottiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`". Appell Civili Numru. 505/2009/1 **Daniela ZwackWandrey vs Messrs. In-Sight Ltd.**

"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u

quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' rritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … … In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha" "**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-board li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997". "Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru,2007.**
Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u n kwantu statwita mill-ligi "*ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio* '"(Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421).

Dan igib bhala konsegwenza illi t-terminu proceduráli ghal proponiment ta' l-appell kellu jigi osservat strettament u '*ad unguem*'. Din m'hiex kwistjoni ta' formalizmu izda ta' mizura ta' dixxiplina processwali li mill-osservanza taghha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu. Ma jista' qatt ikun disputant illi t-termini ghal kompjiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi.[2]

F'dan il-kaz, il-ligi trid li t-terminu specifikat ta' ghoxrin gurnata sabiex jigi prezentat rikors biex jikkontesta xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu f'kaz li qed jigi allegat li ma saritx notifika skond il-ligi ghandu jigi segwit *ad litteram*.

[2] Appell Civili Numru. 120/2000/1 Maurice u Rosaria sive Lucy mizzewgin Cefai vs Doris Fenech.

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Vincent Borg vs Shaun Risiott** deciza fit-18 ta' Awwissu 2011, il-Qorti kkunsidrat :
"*li ai termini ta' l-Art. 166A(5) sabiex tirnexxi talba ghar-rexissjoni ta' l-ittra, jrid jigi prezentat rikors fi zmien 20 gurnata mill-ewwel notifika ta' xi att gudizzjarju imsejjes fuq it-titolu u l-Qorti trid tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bl-ittra ufficjali jew l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati mill-Ligi*";

Illi bhala provi jirrizulta li n effetti l-ittra ufficjali numru 77/2014 verament thalliet f'idejn il-persuna ta' Peter Sultana u mhux f'idejn ir-rikorrenti jew ma' xi persuna ohra kif tipprovdi l-ligi fl-artikolu 181 tal-Kap 12. Illi l-intimat ma ressaq l-ebda provi sabiex jipprova li n effetti r-rikorrenti u dan Peter Sultana jafu lil xulxin jew addirittura jahdmu ma' xulxin u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti hija sodisfatta li verament ir-rikorrenti ma jafx min hu dan Peter Sultana u li verament ma kienx jaf bl-ezistenza ta' din l-ittra ufficjali meta n effetti giet dikjarata bhala wahda li ghandha titolu ezekuttiv f'idejn din il-persuna.

Illi pero' l-intimat ipproceda sabiex jenforza t-titolu ezekuttiv li kellu ai termini tal-Artikolu 166A meta pprezenta zewg mandati wiehed ta' Qbid nhar l-4 ta' Novembru 2015 u l-iehor Mandat ta' Sekwestru nhar l-10 ta' Novembru 2014 u r-rikorrenti stess jikkonferma li kien ircieva dawn iz-zewg mandati fil-11 ta' April 2016. Ghalhekk it-terminu tal-ghoxrin jum skatta l-ghada tan-notifika valida li saritlu b'dawn iz-zewg mandati. Ghalhekk ir-rikorrenti kellu jagixxi sal-31 ta' April, 2016 u cioe' entro t-terminu ta' ghoxrin jum minn meta gie debitament notifikat. Illi pero' kif stqarr ir-rikorrenti stess dan m'ghamlux ghaliex ipprezenta r-rikors tieghu quddiem il-Prim'Awla ghas-sospensjoni tal-Prim'Awla fis-27 ta' Gunju 2016 hafna wara li kien gja skada t-terminu moghti lilu bil-ligi biex jitlob ir-rexissjoni tat-titolu ezekuttiv.

Illi ghalhekk in vista tal-provi prodotti din il-Qorti tiddikjara li ghalkemm huwa minnu li n-notifika ta' l-ittra ufficjali ma saritx f'idejn ir-rikorrenti u ma thallitx ma' persuna kif indikat fl-Artikolu 181 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrileva li r-

rikorrenti ma pprezentax l-att gudizzjarju tieghu fit-terminu previst mill-ligi u ghalhekk ma tistax tilqa' t-talba rikorrenti sabiex tordna r-rexissjoni ta' l-ittra ufficjali 77/2014 u konsegwentement tordna l-kontinwazzjoni tal-bejgh in subbasta bin-numru 55/15.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu kollha a karigu tar-rikorrenti.

Magistrat Dr. Consuelo Sceri Herrera

Dep. Registratur